**26 ta' Ġunju, 1998**

**Imħallef:-**

## Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Josephine Le Prevost u Carmel Le Prevost

## Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

*Ir-reat ta' żvilupp bla permess jew mhux skond il-permess, ikkontemplat fl-artikolu 56 (1) (a) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, jista' jiġi kommess minn kull persuna, indipendentement minn jekk hijiex sid, kerrej, enfitewta jew addirittura persuna li ma għandha ebda titolu fuq il-fond jew art in kwistjoni; l-imsemmija disposizzjoni tipprovdi ukoll li s-sid li jħalli li jsir xi żvilupp bla permess jew mhux skond il-permess fuq l-art tiegħu jkun ukoll ħati ta' reat.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Josephine Le Prevost u Carmel Le Prevost talli: (1) fix-xhur qabel l-24 ta' Frar, 1997, għamlu żvilupp fil-lokalità magħrufa Gozo Stadium, Triq Imġarr, Victoria, Għawdex, ħallew li jsir żvilupp fuq l-istess art li tagħha huma sidien, mingħajr permess mill-(*recte*: għall-)iżvilupp kif kien iseħħ meta sar l-iżvilupp, jew, jekk l-iżvilupp sar b'permess kien suġġett (*sic*!) u ċjoè fetħu bieb ta' ħanut ġol-*ground* u dan mingħajr permess ta' żvilupp mill-Awtorità ta' l-Ippjanar; (2) talli wara li ġew innotifikati b'avviż ta' twettiq jew avviż ieħor taħt l-artikoli 45, 50, 52, 53 ta' l-Att I ta' l-1992, naqsu li jħarsu xi waħda mill-ħtiġijiet ta' dak l-

avviż fiż-żmien speċifikat fih; l-Ewwel Qorti kienet mitluba li tapplika l-provvedimenti kkontemplati fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 56 ta' l-imsemmi Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-3 ta' Diċembru, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imputati ħatjin skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom, ikkundannathom multa ta' Lm500 lira kull wieħed u ordnatilhom jikkonformaw ruħhom mal-permessi relattivi billi jagħlqu l-bieb minnhom miftuħ kontra l-istess permess ta' żvilupp u dan sa żmien tletin jum, b'penali ta' ħamsa u għoxrin lira multa kuljum għal kull jum ta' inadempjenza ta' din l-ordni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Josephine u Carmel konjuġi Le Prevost, minnhom ippreżentat fis-16 ta' Diċembru, 1997 li permezz tiegħu talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kawża tirrigwarda fond, proprjetà tal-Gvern, u li huwa deskritt mid-Dipartiment ta' l-Artijiet bħala "ħanut u bitħa" li kien oriġinarjament mikri lil Mary Jane Le Prevost fl-1984 u li fl-1996 inkera lil binha Carmel Le Prevost;

Kif jirriżulta mill-pjanta fir-*records* ta' l-imsemmi Dipartiment, l-aċċess għal dan il-ħanut kien oriġinarjament mill-bitħa; jiġifieri, wieħed l-ewwel kien jaċċedi għal bitħa (li kellha taraġ jagħti għal fuq xi bjut); faċċata tal-bieb għall-bitħa kien hemm il-bieb li jagħti għal ġewwa l-ħanut;

F'xi żmien fl-1995, Josephine Le Prevost, mart Carmel applikat ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar għal permess ta' żvilupp ta' dan il-fond. Skond l-applikazzjoni u l-pjanta annessa

miegħu, il-ħanut kellu jkollu bieb ieħor fil-ġenb, u l-bitħa kellha tissaqqaf u l-uniku aċċess għaliha kellu jkun mill-ħanut, jiġifieri mill-bieb oriġinali tal-ħanut, filwaqt li l-bieb għal ġol-bitħa kellu jingħalaq. Permess f'dan is-sens inħareġ fil-25 ta' Jannar, 1995. Ġara, però, li l-bieb jew fetħa li oriġinarjament kienet tagħti minn barra għal ġewwa l-bitħa inżammet miftuħa. Fl-20 ta' Marzu, 1998, l-Awtorità ta' l-Ippjanar ħarġet "*Stop and Enforcement Notice*" kontra Josephine Le Prevost. Fl-20 ta' April, 1996, l-imsemmija Josephine Le Prevost applikat għal emenda fil-permess għall-iżvilupp oriġinali fis-sens li talbet li jiġi approvat il-ftuħ jew bieb fil-bitħa kif kien oriġinarjament. Sakemm bdew dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti Inferjuri, u sakemm ingħatat is-sentenza li minnha qed isir dan l-appell, din (it-tieni) l-applikazzjoni kienet għadha pendenti;

L-ewwel erba' aggravji ta' l-appellanti jistgħu jiġu brevement riassunti hekk: (1) illi huma ma kellhomx jinstabu ħatja t-tnejn għas-sempliċi fatt li huma miżżewġin; (2) illi huma ġew akkużati bħala sidien tal-fond u ma ġiex ippruvat li huma s-sidien; (3) illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ma tammontax għal reat; u (4) li per konsegwenza ma kien hemm lok ta' avviż ta' twettiq;

Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti hi sodisfatta mill-provi li l-appellanti tressqu t-tnejn li huma mhux minħabba l-vinkolu taż-żwieġ iżda għax il-prosekuzzjoni deherilha li responsabbli għall-iżvilupp bla permess u għan-non-osservanza ta' l-ordni ta' twettiq kienu huma t-tnejn;

Kwantu għat-tieni u t-tielet aggravji, il-Qorti tosserva li r-reat ta' żvilupp bla permess jew mhux skond il-permess, ikkontemplat fl-artikolu 56 (1) (a) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, jista' jiġi kommess minn kull persuna, indipendentement minn jekk hijiex sid, kerrej, enfitewta jew

addirittura persuna li ma għandha ebda titolu fuq il-fond jew art in kwisstjoni, l-imsemmija disposizzjoni tipprovdi ukoll li s-sid li jħalli li jsir xi żvilupp bla permess jew mhux skond il-permess fuq l-art tiegħu ikun ukoll ħati ta' reat. Il-fatt, għalhekk, li l-imputazzjoni tikkwalifika lill-appellanti, allura imputati, bħala sidien, hi ċirkostanza aċċidentali li ma tnaqqas jew iżżid xejn minn jew mar-reat ipotizzat b'dik il-parti ta' l-imputazzjoni li tgħid "... għamiltu żvilupp fil-lokalità magħrufa Gozo Stadium, Triq Imġarr, Victoria, Għawdex ... mingħajr pemess ...";

Kwantu għar-raba' aggravju, l-appellant Carmel Le Prevost għandu, in parti, raġun, fis-sens li l-i*Stop and Enforcement Notice* (fol. 3 ta' l-atti) kien ġie nnotifikat lil Josephine Le Prevost u mhux ukoll lilu. L-artikolu 56 (1) (ċ) joħloq ir-reat ta' min, "wara li jkun ġie nnotifikat" b'avviż simili jonqos milli jħares xi waħda mill-ħtiġijiet tiegħu fiż-żmien speċifikat fih;

Aggravju ieħor taż-żewġ appellanti hu, bażikament, li ma kienx hemm provi li jissostanzjaw l-imputazzjoni ossia l-imputazzjoni li huma għamlu xi żvilupp bla permess jew mhux skond il-permess maħruġ. Din il-Qorti ma taqbilx. Kif xehed Mark Cini, kemm Josephine Le Prevost kif ukoll Carmel Le Prevost kienu kjarament qed jiġġestixxu l-post flimkien; hu kien imur ikellimhom it-tnejn dwar din il-kwistjoni u t-tnejn li huma kienu jiddiskutu l-każ miegħu. Fl-assenza ta' xi prova kuntrarja, il-prova indizjarja hi ċara li t-tnejn li huma kienu għamlu dak l-iżvilupp mingħajr il-permess jew mhux skond il-permess. Indipendentement minn x'kienet tgħid il-pjanta tad-*Dipartiment* ta' l-Artijiet, il-permess maħruġ fil-25 ta' Jannar, 1995, kien jippermetti biss dak muri fuq il-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni. Anke jekk f'din l-applikazzjoni ħa żball *il-perit* ta' l-applikanti Josephine Le Prevost, la hi u anqas Carmel Le Prevost ma kienu intitolati li jiddipartixxu minn dik il-pjanta qabel ma jiksbu l-approvazzjoni jew il-modifika mill-Awtorità

ta' l-Ippjanar;

*Kwantu għall-piena, jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-imsemmi* Mark Cini, li llum l-Awtorità ta' l-Ippjanar approvat, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-bieb meritu ta' din il-vertenza. Fil-fehma tal-Qorti dana l-fatt, abbinat mal-fatt li jirriżulta li ġà kien hemm dan il-bieb qabel ma saret l-applikazzjoni minn Josephine Le Prevost, jammonta għal ċirkostanza speċjali u straordinarja fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali li *jawtorizzaha li tiddipartixxi* mill-multa ta' ħames mitt lira kull wieħed inflitta mill-Ewwel Qorti;

Għall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokaha in kwantu sabet lil Carmel Le Prevost ħati skond it-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah; tħassarha u tirrevokaha ukoll in kwantu kkundannat lil Carmel Le Prevost *Lm500 multa u lil Joseph Le Prevost Lm500 multa oħra u* tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ordnatilhom "jottemperaw ruħhom mal-permessi relattivi billi jagħlqu l-bieb minnhom miftuħ kontra l-istess permess ta' żvilupp u dan sa żmien tletin jum" taħt penali *per diem* fin-nuqqas, u minflok dawn il-piena tikkundanna lil Josephine Le Prevost multa ta' għaxar liri (Lm10) u lil Carmel Le Prevost multa ta' ħames liri *(Lm5) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.*

---